MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2003

Appell Kriminali Numru. 81/1999/1

**Il-Pulizija**

**v.**

**Gaetano Abdilla**
*-- omissis --*

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva f'isem l-Awtorita` ta' l-Ippjanar kontra Gaetano Abdilla, Emanuel Abdilla, Joseph Abdilla u Carmel Abdilla talli fis-7 ta'Mejju 1998 bhala diretturi ghan-nom u in rappresentanza tas-Socjeta` Ramel u Zrar Ltd. –

(1) ghamlu zvilupp jew hallew li jsir zvilupp fuq art li taghha huma sidien minghajr permess ghall-izvilupp konsistenti fi thaffir ta' hofor ("drilling holes") liema hofor imtlew b'sustanza splussiva bil-hsieb li jigi splodut il-blat f'sit sitwat f'barriera numru 30 fl-inhawi maghrufa taz-Zebbiegh, limiti ta' Had-Dingli, minghajr permess ta'

zvilupp bi ksur tal-Artikolu 56(1)(a) ta’ l-Att I ta’ l-1992 dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp, liema sit huwa skedat fil-kategorija ta’ Klassi A ai termini tal-Artikolu 46 ta’ l-Att I ta’ l-1992 dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp skond l-avviz relattiv ippublikat fil-Gazzetta tal-Gvern Edizzjoni numru 277 datata 3 ta’ April 1998, b’mod li hekk gew li kisru l-istess Artikolu 46 kif wkoll kisru l-Artikolu 56(1)(b) ta’ l-istess Att;

(2) kif ukoll talli l-istess persuni ghamlu zvilupp jew hallew li jsir zvilupp fuq art li taghha huma sidien minghajr permess ghall-izvilupp konsistenti fi skavar u thammil ta’ l-art f’sit adjacenti ma’ l-istess sit in kwistjoni;

(3) kif ukoll talli wara li l-istess Gaetano Abdilla gie notifikat b’Avvizz biex Tieqaf u ta’ Twettiq numru ECF149/95 datat 15 ta’ Mejju 1995, liema Avviz gie mahrug taht Artikoli 51 u 52 ta’ l-Att I ta’ l-1992 dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp, l-istess Gaetano Abdilla kien qieghed jaghmel xoghol ta’ skavar fil-barriera ‘l barra mil-limiti ta’ l-istess barriera minghajr permess ta’ zvilupp, u b’hekk l-istess Gaetano Abdilla naqas li jhares wahda mir-rekwiziti ta’ dak l-Avviz fi zmien specifikat fl-Artikolu 56(1)(c) u cioe` li jieqaf immedjatament l-izvilupp u jregga’ lura s-sit ghall-istat originali stante li fis-7 ta’ Mejju 1998 l-izvilupp baqa’ jigi zviluppat minghajr permess ta’ zvilupp kif rikjest mil-ligi (l-ewwel qorti giet mitluba sabiex tapplika l-provvedimenti kontemplati fl-Artikolu 56(1) ta’ l-Att I ta’ l-1992 u cioe` hlas ta’ multa bejn mhux anqas minn hames mitt lira u mhux izjed minn hamsin elf lira, kif ukoll stante li r-reat kompla ghal aktar minn tlett xhur min-notifika ta’ l-istess Avviz, timponi anke prigunerija ghal zmien ta’ mhux anqas minn tlett xhur u mhux aktar minn tlett snin);

(4) barra minn dan gew akkuzati wkoll talli kisru l-kundizzjonijiet tal-licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija li huma ghandhom biex joperaw barriera numru 30 fil-limiti ta’ Had-Dingli;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta’ Marzu 1999 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imputati Emanuel Abdilla u Carmel Abdilla mhux hatja skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom, u

minnhom illiberathom; izda sabet lil Joseph Abdilla u lil Gaetano Abdilla hatja skond l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkundannat lil kull wiehed minnhom ghall-piena ta’ multa ta’ hames mitt lira (Lm500), u lill-imputat Gaetano Abdilla kkundannatu wkoll ghall-piena ta’ prigunerija ghal zmien ta’ tlett xhur sospizi ghal sitt xhur skond l-Artikolu 28A tal-Kap 9.

Rat ir-rikorsi ta’ appell ta’ Gaetano Abdilla u ta’ Joseph Abdilla, it-tnejn ippresentati fl-24 ta’ Marzu, 1999, li permezz taghhom talbu r-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi fid-diversi udjenzi u lid-difensuri tal-partijiet; rat ukoll il-provvediment moghti minnha stess fl-1 ta’ Gunju, 2001 (fol. 137), kif ukoll in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet tas-26 ta’ Gunju, 2002, 10 ta’ Lulju, 2002 u 24 ta’ Lulju, 2002; ikkunsidrat:

Qabel xejn ghandu jigi precizat li fil-mori ta’ dan l-appell, l-appellant Joseph Abdilla ceda u irtira l-appell tieghu (ara l-verbal ta’ l-udjenza tat-22 ta’ Ottubru, 1999, fol. 101), b’mod li ghalhekk din is-sentenza qed tinghata fil-konfront ta’ Gaetano Abdilla biss.

L-aggravji ta’ l-appellant Gaetano Abdilla huma, bazikament, tlieta: fl-ewwel lok huwa jikkontendi li ma kienx hemm il-*letter to prosecute* jew kwerela ta’ l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar, b’mod ghalhekk li ma setghux jinbdew il-proceduri li waslu ghall-kundanna tieghu; fit-tieni lok, jghid li l-ewwel qorti ghamlet apprazzament hazin tal-fatti, ghax kieku ghamlet apprazzament tajjeb kienet issib li hu, bhala direttur tas-socjeta` Ramel u Zrar Ltd., kien wera d-diligenza kollha mehtiega biex hu jigi ezonerat minn kull responsabbilta` a bazi ta’ dak li jipprovdi l-Artikolu 13 tal-Kap. 249 (l-Att dwar l-Interpretazzjoni); fl-ahharnett l-appellant jilmenta dwar il-piena li hu jghid li kienet eccessiva.

Kwantu ghall-ewwel aggravju, l-appellant ma ghandux ragun. Apparti li r-raba’ imputazzjoni, li tipotizza reat taht

il-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, certament ma tirrikjedix xi kwerela jew *letter to prosecute* da parti ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar, minn ezami tad-disposizzjonijiet kollha tal-Kap. 356 u specjalment tal-Artikoli 51 sa 58 (li jitkellmu dwar reati u pieni relattivi), minn imkien ma jirrizulta li r-reati ipotizzati fl-ewwel tlett imputazzjonijiet jirrikjedu xi kewrela jew awtorizzazzjoni jew *letter to prosecute* da parti ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar. Dawn ir-reati huma reati prosegwibbli *ex officio* mill-Pulizija Ezekuttiva, ghalkemm, mill-punto di vista prattiku, il-Pulizija rarament tista' tkun taf li jkun gie kommess, jew li jkun qed jigi kommess, wiehed minn dawn ir-reati jekk ma tircevix rapport jew kwerela minghand xi hadd. Normalment tali rapport jew kwerela jigi minn naha ta' l-imsemmija Awtorita`; pero` tali rapport jew kwerela (jew *letter to prosecute* jew awtorizzazzjoni) ma hix mehtiega mil-lat procedurali sabiex il-Pulizija tipprosegwixxi kontra dak li jkun. Ghalhekk dana l-aggravju huwa infondat.

Kwantu ghat-tieni aggravju, jirrizulta sodisfacentement pruvat li ga f'Mejju ta' l-1995 kien inhareg f'isem l-appellant Avviz biex Jieqaf u ta' Twettiq (ara kopja tieghu a fol. 13). L-appellant jammetti – ara l-fatti fil-qosor fir-rikors ta' appell tieghu – li hu kien gie notifikat b'dan l-Avviz. Sussegwentement fit-3 ta' April, 1998 l-art madwar Ghar il-Kbir fis-Siggiewi giet skedata (ara l-Avviz fil-Gazzetta tal-Gvern, fol. 11), u l-appellant jammetti wkoll li hu kien gie notifikat b'dan l-avviz ta' skedar [1]. Irrizulta kemm mid-deposizzjoni ta' Franco Pisani kif ukoll minn dik ta' Johann Buttigieg li meta ufficjali ta' l-Awtorita` marru fuq il-post fis-7 ta' Mejju, 1998 sabu li kien qed isir, mis-socjeta` li taghha l-appellant huwa direttur, thaffir ta' toqob u kienet diga tpoggiet il-gelatina fihom (jew f'xi whud minnhom) biex jinqata' l-blat. Dan it-thaffir, ghalhekk, kien qed isir kemm bi ksur ta' l-Avviz biex Jieqaf u ta' Twettiq tal-1995 kif ukoll bi ksur tal-ordni ta' skedar ta' ftit jiem qabel. L-appellant jikkontendi li hu, "bhala *silent partner* fl-

---

[1] Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu tas-26 ta' Gunju, 2002 l-appellant jghid hekk: *Illi rrizulta wkoll illi Gaetano Abdilla kien ircieva korrispondenza fis-sens illi l-post in kwistjoni kien skedat u ghadda l-istess korrispondenza lil huh Joseph Abdilla biex jiehu hsiebha u jirregola ruhhu skond l-istess".* L-appellant, pero`, jzid jghid hekk: *"Waqt it-tqattieh ta' blat li sar kontra l-istess korrispondenza imbghad l-appellant ma kienx prezenti."*

azjenda in kwistjoni" [2] ma kellux jinstab hati ghax hu ma kienx jaf li kien sar ir-reat u kien ezercita d-diligenza kollha xierqa biex jevita l-eghmil tar-reat (Art. 13, Kap. 249). Din il-Qorti, pero`, ma tistax taqbel ma' l-appellant. Kif gie diversi drabi ritenut minn din il-Qorti, biex direttur (jew persuna ohra msemmija fl-Artikolu 13 ta' Kap. 249) ma jkunx vikarjament responsabbli ghar-reat kommess mill-kumpanija jew socjeta` irid jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, mhux biss li hu ma kienx jaf li kien sar ir-reat izda wkoll (mhux jew) li hu kien ezercita id-diligenza kollha xierqa biex jigi evitat dak ir-reat. Tali diligenza ma tistax tikkonsisti filli persuna semplicement thalli f'idejn haddiehor biex iwettaq pjan, ordni jew xi *management* partikolari, ghax altrimenti jkun facli ghal dak li jkun li jahsel idejh mir-reponsabbilta` penali (f'dan il-kaz vikarja) billi jghid, per ezempju, li ta ordni lis-subaltern tieghu u li kien dan is-subaltern tieghu li ma wettaqx l-ordni. Il-ligi tirrikjedi li dak li jkun ikun ezercita d-dilgenza kollha xierqa, u dan normalment ifisser li dak li jkun irid ikun ha attivament passi biex jassigura l-osservanza tal-ligi, u mhux semplicement, kif ghamel l-appellant, ghadda l-karti lil huh u halla f'idejh. Wara li din il-Qorti ezaminat bir-reqqa d-deposizzjonijiet ta' hut l-appellant – Joseph Abdilla, fol. 164 u Carmelo Abdilla, fol. 170 – b'ebda mod ma tista' tikkonkludi li l-appellant ezercita imqar minimu ta' diligenza biex jassigura li z-zewg avvizi aktar l' fuq imsemmija (biex Jieqaf u ta' Twettiq, u l-avviz ta' skedar) u li kienu gew notifikati lilu personalment, jigu osservati mill-kumpanija. Ghalhekk dana t-tieni aggravju ukoll qed jigi respint.

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti tara li din hija fil-minimu taghha, u ghalhekk ma hemm lok ta' ebda varjazzjoni. Pjuttost tara li l-periodu operattiv ta' sitt xhur kien anqas minn dak stabbilit bil-ligi (cioe` minimu ta' sena – ara Art. 28A(1), Kap. 9).

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell ta' Gaetano Abdilla u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-periodu operattiv tas-sentenza sospiza jibda jiddekorri mill-lum. Il-Qorti ghal

[2] Ara r-raba' pagna tar-rikors ta' appell.

kull buon fini spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-periodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Tigbed l-attenzjoni tar-Registratur ghad-disposizzjoni tas-subartikolu (8) tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------